**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Roderick Spiteri]**

**vs**

**Frank Desira**

**Kumpilazzjoni Numru: 144/12**

**Illum, 15 ta' Mejju, 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Frank Desira detentur tal-karta tal-identita` numru 425270M.

Akkuzat talli nhar is-27 ta' Dicembru 2011, ghall-habta ta' 9.55 a.m. fi Triq E Bradford, Naxxar, waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni IGV015 ta' ghamla Ford Transit:

1. B'nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura bin-numru tar-registrazzjoni ABL985 tal-ghamla Volkswagen u involontarjament ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Roger Calleja u dan skont ma ccertifika Dr Arlett Vassalo M.D. mill-Isptar Mater Dei;
2. U aktar talli waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni IGV015 tal-ghamla Ford Transit naqas li jieqaf fejn hemm sinjal li jindika 'Stop';
3. U aktar talli saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni IGV015 tal-ghamla Ford Transit, bi speed eccessiv;
4. U aktar talli saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni IGV015 tal-ghamla Ford Transit, b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz;

5. U aktar talli involontarjament ikkaguna hsara fuq il-vettura tal-ghamla Volkswagen Golf bin-numru tar-registrazzjoni ABL985 u dan ai dannu ta' Roger Calleja u jew persuni ohra; u
6. Aktar talli involontarjament ikkaguna hsara fuq kaxxa tal-ittri u dan ai dannu ta' diretturi tal-kumpanija Malta Post.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu l-ebda licenzja tas-sewqan ghall-perjodu ta' mhux anqas minn tnax-il xahar;

Rat l-ezami tal-imputat li wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali li biha ta l-kunsens tieghu li dawn il-proceduri jigu trattati bil-procedura sommarja; u

Semghet ix-xiehda kollha inkluz dik tal-imputat u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat illi din il-kawza titratta fuq incident awtomobilistiku bejn il-vettura tal-imputat u l-vettura tal-parte civile Roger Calleja liema incident sehh fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Dicembru elfejn u hdax (2011) fi Triq E. Bradford, Naxxar u fejn Calleja garrab griehi gravi hekk kif kien certifikat minn Dr. Arlette Vassallo;

Illi l-Qorti kellha l-okkazzjoni li tisma x-xiehda tal-parte civile **Roger Calleja** fejn huwa kkonferma li kien sejjer fit-triq tal-incident fid-dritt u minnufih hareg l-imputat minn fuq *stop sign* aktar lejn in-naha tan-nofs tat-triq b'certa velocita` li

huwa ma setax jevita l-incident bil-konsegwenza li huwa habat mal-hajt u kellhom johorgux tas-Civil Protection mill-karrozza tieghu. Huwa jghid illi sofra griehi gravi kagun ta' dan l-incident u li ghadu jbati mill-konsegwenzi sallum. [*vide* skizz ipprezentat bhala dokument AB1).

Illi rrizulta wkoll illi l-parte civile thallas mill-assikurazzjoni tal-imputat tad-danni sofferti fuq il-karrozza tieghu tal-marka Volkswagen Golf bin-numru ta' registrazzjoni ABL 985.

Irrizulta anke mix-xiehda ta' **Dr. Massimo Abela** illi l-parte civile Roger Calleja sofra dizabilita` ta' erba' fil-mija (4%) kagun ta' dan l-incident fejn dan sofra ticrita fil-parti temporali tar-ras illi kienet giet mehjuta mit-tobba tal-emergenza. Dan kien rah xi xhur wara l-incident fejn il-parte civile kien irrikorra ghandu ghaliex kien baqa' isofri minn ugieh ta' ras u minn ugieh f'dahru u ghalhekk a bazi ta' hekk taha id-dizabilita` permanenti (Dok MA1).

Xhieda ohra li nstemghu f'dawn il-proceduri ftit li xejn jghinu lil din il-Qorti ghal kostatazzjoni tal-fatti.

Finalment instema' l-imputat **Frank Desira** li ddikjara illi huwa kien fit-triq tal-incident peress li kien ried imur ghand xi klijent u meta wasal fuq l-*istop sign* kellu jipprocedi aktar 'il quddiem ghax ma setax jara sew jekk kienx gej xi

hadd u mad-daqqa u l-mument dahal il-parte civile fih li kien gej b'certa velocita`. Illi huwa jghid illi dak il-hin kienet niezla hafna xita.

Illi analizi qasira tal-gurisprudenza nostrana turi x'inhuma r-responsabilitajiet ta' sewwieq fit-triq.

Illi fid-decizjoni moghtija fit-22 ta' Gunju 2005, il-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited noe et vs. Raymond Vella**, il-Qorti qalet hekk:

> *"Li jfisser allura li l-attrici Beryl Pauline Jepsen kellha d-dritt ta' precedenza in kwantu kellha titqies bhala "main road user". Li jfisser ukoll illi fic-cirkostanzi l-konvenut kellu jitqies bhala "side road user", u allura, skond gurisprudenza konkordi kellu "l-obbligu li jcedi ghat-traffiku fuq il-main road, u ghandu l-obbligu li jesplora tajjeb il-main road qabel ma johrog fiha u ghandu l-obbligu li jimxi dead slow u sahansitra jwaqqaf sakemm jaccerta ruhu li jista' johrog bla hsara" – Il-Pulizija vs. Anthony Galea, Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953 (Kollez. Vol. XXXVII P IV p 1137); Joseph Rizzo vs. Paul Micallef, Appell Civili, 6 ta' Dicembru 1974; Issokta jigi precizat fuq din it-tematika illi "min ikun hiereg minn side street ghal main road ghandu l-obbligu li juza l-massima attenzjoni u prudenza, li jesplora sewwa l-main road u li jieqaf ghal kollox jew johrog inching out, u jassigura li t-triq hi libera. Is-side road user ghandu juza grad ta' diligenza l-izjed gholja u vigilanza l-izjed qawwija, billi ghandu d-dmir icedi lit-traffiku li jkun fuq it-triq principali, ghax ilmanuvra li jkun sejjer jaghmel biex jittraversa dik it-triq hi kalkolata li tiddisturba il-kors ordinarju tat-traffiku li jkun ghaddej minnha" - Mark Sammut vs. Maryse Germaine del la Fargue, Appell Civili, 2 ta' April 1976".*

Illi, apparti dan, il-Qorti tinnota wkoll li sewwieq huwa rikjest li jkollu dak li jissejjah bhala *proper look out* specjalment meta jkun qed jaghmel manuvra eccezzjonali bhal dik li kien qed jaghmel l-imputat u sahansitra meta l-imputat

kellu johrog aktar 'il barra mill-*istop sign* sabiex ikun jista' jara minn gej mid-direzzjoni opposta. Illi fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Debattista** (deciz fis-26 ta' Mejju, 2004 [App. Krim. Nru: 18/2004]), il-Qorti kkwotat sintezi mehuda minn decizjoni precedenti (deciz fil-25 ta' Marzu, 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Noel Gauci** [App. Krim. Nru: 32/2004/JGD]) u sostniet:

> "*Gie appropositu ritenut li hu dover ta' driver 'to see what is in plain view" (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Joseph Vella [10/08/1963] u li 'min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara jfisser li ma kienx qed izomm a proper lookout' (Appell Kriminali: Il-Pulizija vs J.M. Laferla [17/06/1961])".*

Illi fi **Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd.** (1968), il-Qrati Inglizi kienu rritenew li:

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Illi dejjem gie ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoché dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghall-htijiet da parti ta' haddiehor (Vide Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri** (16.3.1961); **Il-Pulizija vs. John Polidano** (3.11.1963); **Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud** (XXXVII.IV.1131). Dan ghaliex il-*contributory negligence* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinisitru (Vol. XXXVIII.IV.883).

Illi l-Qorti ma jirrizultalhiex li l-kwerelant Roger Calleja ta' lok sabiex isehh l-akkadut u anke jekk l-imputat jghid illi dan kien gej b'certa velocita` xorta wahda l-imputat kien ikun fil-pozizzjoni li jarah gej ghaliex it-triq minn fejn kien gej hija dritta u catta. Illi ta' min jghid ukoll illi ma harigx mill-provi li ttiehdu xi proceduri kriminali kontra l-parte civile Roger Calleja ghal dan l-incident.

Huwa car li meta l-imputat gie biex jaghmel il-manuvra huwa ma harisx bil-galbu u b'mod skrupoluz lejn fejn kellu jhares, kif kien obbligat li jaghmel, altrimenti kien jintebah bil-mutur misjuq mill-kwerelant. Din kienet ir-raguni li wasslet sabiex isehh l-akkadut mertu tal-kawza odjerna.

Illi x'jikkostitwixxi traskuragni, jew adirittura perikolu, fis-sewqan huwa ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Fid-decizjoni fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs. Michael Grech</u>** moghtija fl-20 ta' Frar 2007, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:*
>
> *Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn*

*wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghallproprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]*

U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Mario Gellel** deciz fid-19 ta' Frar 2004:

*"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim. Pul. vs. Charles Bartolo, 14.3.59, Pol. vs. Wilson [Vol. XXXIX iv. 1018] u Pul. vs. Alfred Vella [Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim. Pul. vs. Hardingham, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia [Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim. Pul. vs. Joseph Aquilina,
20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita ssinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri [Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi tenut dak kollu li ntqal din il-Qorti thoss illi l-imputat ma agixxiex b'sewqan traskurat jew perikoluz ghaliex kif inghad diga` gie stabbilit u mhux ikkontestat illi huwa kellu jipproceduri aktar 'il quddiem mill-*istop sign* sabiex ikun jista' jara minn kien gej mid-dintorni tieghu izda minn imkien mill-provi ma hareg illi huwa kien qed isuq b'velocita` eccessiva.

Illi fuq l-imputazzjoni tal-hsara involontarja fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni ABL 985 propjeta` tal-parte civile Roger Calleja, m'hemmx dubju li sar dan l-incident bejn il-vettura tal-imputat u l-vettura tal-parte civile u dan

kif intwera mill-iskizz ipprezentat. Illi di piu` din il-Qorti semghet ix-xhieda ta' rapprezentant tal-assigurazzjoni li kkonferma illi l-parte civile thallas mill-assigurazzjoni tal-imputat.

Illi a rigward tal-kaxxa tal-ittri li sfat danneggjata irrizulta minn Carmen Scerri Lautier ghall-kumpannija Maltapost illi din sofriet danni minimi u l-anqas biss ghamlu rapport tad-danni ghaliha.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 218(1)(a), 226(1)(a) u Artikolu 328 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lill-imputat **Frank (Francis) Desira** hati biss tal-ewwel (1) u l-hames (5) akkuzi u tikkundannah ghal multa ta' elf Ewro (1,000) filwaqt li tilliberah mill-akkuzi kollha l-ohra fuq nuqqas ta' provi.

**Dr Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**